**A.L. 153 ta' l-1991**

## ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI (ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

### Regolamenti li Jemendaw ir-Regolamenti RO1 — Regolamenti Għad-Dħul

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-Regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 29, 33 u48(3) ta' dak l-Att.

Titolu.

**1.** Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti RO1 — Regolamenti għad-Dħul, 1991 (Emenda Nru. 3), ta' l-Università ta' Malta u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti RO1 — Regolamenti għad-Dħul li huma inklużi taħt ir-ras B — REGOLAMENTI U ORDINAMENTI fl-Iskeda III ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, kif ġew emendati wara, u li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Emenda tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** (1) Minflok il-paragrafu 6.1 ("*Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul*") u s-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu 6.1.1 tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, jidħol dan li ġej:

"6.1 *Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul* (ara regolament 2.1). Bla ħsara għal kull dispożizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti, ir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul huma ċertifikati "għadda" fis-suġġetti approvati fil-livelli diversi ta' l-Eżami tal-Matrikola u ta' l-Eżami għaċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja ta' l-Università, kif ġej:

I. Tliet ċertifikati "għadda" ta' l-Eżami tal-Matrikola fil-livell Avanzat, li minnhom tnejn iridu jkunu ta' grad Ċ jew ogħla u wieħed ta' Grad D jew ogħla;

II. Ħames ċertifikati "għadda" ta' l-Eżami għaċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja ta' Grad 5 jew ogħla;

III. Ċertifikat "għadda" ta' l-Eżami tal-Matrikola fil-livell Intermedju fl-Oqsma ta' l-Għerf (*Systems of Knowledge*).

6.1.1(a) Is-suġġetti offruti għandhom jinkludu:

Il-Malti
L-Ilsien Ingliż
Il-Matematika u
suġġett magħżul mill-Għarbi, il-Franċiż, il-Ġermaniż, it-Taljan, ir-Russu, l-Ispanjol."

(2) Is-sotto-paragrafu (ċ) tal-paragrafu 6.1.1 tar-regolamenti prinċipali għandu jitħassar u s-sotto-paragrafu (d) li hemm fil-preżent għandu jiġi nnumerat mill-ġdid (ċ).

(3) Minnufih wara l-paragrafu 6.1.1 tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, jidħlu dawn iż-żewġ paragrafi ġodda:

"6.2 *Eżamijiet li jikkorrispondu.* Minflok kull ċertifikat "għadda" meħtieġ fil-paragrafi 6.1 u 6.1.1 ta' dan ir-regolament, jista' jiġi offrut ieħor tal-livell li jaqbel miegħu miksub f'eżamijiet magħrufa mis-Senat bħala ekwivalenti għal dan il-fini. Meta jagħti dan ir-rikonnoximent is-Senat jista' jeskludi suġġetti u livelli speċifikati. Din l-eskluzzjoni għandha tiġi ndikata b'mod ċar fil-"Lista ta' Suġġetti Approvati".

6.2 *Suġġetti u livelli* Ebda suġġett ma jista' jiġi offrut f'aktar minn livell wieħed."

(4) Il-paragrafi preżenti 6.2, 6.3 u 6.3.1 tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid 6.4, 6.5 u 6.5.1 rispettivament.

Sostituzzjoni tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Flok ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. *Suġġetti alternattivi Obbligatorji f'Ċirkostanzi Speċjali.*

7.1 Il-Bord tad-Dħul jista', fiċ-ċirkostanzi speċjali u bil-kundizzjonijiet imsemmija hawn taħt, jippermetti li kandidat joffri suġġett ieħor minflok wieħed jew aktar mill-Malti, l-Ingliż jew l-Oqsma ta' l-Għerf (*Systems of Knowledge*) kif ġej:

(a) Jista' jħalli kandidat li mhux Malti joffri minflok il-Malti l-lingwa tiegħu jew suġġett ieħor mill-"Lista ta' Suġġetti Approvati".

(b) Jista' jħalli kandidat Malti li, minħabba li kien igħix barra jew jistudja barra għal perjodu sinjifikattiv fl-aħħar erba' snin ta' qabel, ma rċeviex tagħlim xieraq fil-Malti, joffri minflok dak is-suġġett lingwa oħra jew suġġett ieħor mill-"Lista ta' Suġġetti Approvati".

(ċ) Jista' jħalli kandidat li, minħabba li kien igħix jew jistudja barra minn Malta għal perijodu sinjifikattiv fl-aħħar erba' snin ta' qabel, ma rċeviex tagħlim xieraq fl-Oqsma ta' l-Għerf (*Systems of Knowledge*), joffri minflok dak is-suġġett, suġġett ieħor mill-"Lista ta' Suġġetti Approvati", fil-livell tal-Matrikola Avanzata jew f'livell li jikkorispondi għalih ta' eżami ieħor magħruf mis-Senat bħala ekwivalenti skond ir-regolament 6 u għall-finijiet tiegħu".

**4.** Flok il-paragrafu 8.2.1 tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

"8.2.1 Dawn il-korsijiet li ġejjin jistgħu jsiru fl-istess żmien:

(a) il-korsijiet li jwasslu għall-grad ta' LL.D. u għad-Diploma ta' Nutar Pubbliku;

(b) il-korsijiet li jwasslu għall-grad ta' B.A. (Socio-Legal Studies) u għad-Diploma ta' Prokuratur Legali;

(ċ) kors (*part-time* jew *full-time*) li jwassal għal grad, diploma jew ċertifikat, u kors *part-time* li jwassal għal ċertifikat."

**5.** Flok ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

"9. *Dispożizzjoni Transitorja*

*9.1 Rekwiżiti għad-Dħul għall- 1991* Dwar kull kors li d-dħul għalih hu ristrett għal studenti regolari, kandidat li japplika biex jidħol f'kors bħal dan li jibda f'Ottubru 1991 u li jonqsu biss ċertifikat "għadda" fl-Oqsma ta' l-Għerf (*Systems of Knowledge*) kif meħtieġ fil-paragrafu 6.1, III, tar-regolament 6 biex jikkwalifika bħala student regolari jista' jitħalla jidħol fil-kors mill-Bord tad-Dħul bil-kundizzjoni li jikseb dak iċ-ċertifikat f'dak is-suġġett f'eżami speċjali bbażat fuq is-sillabu ta' l-1990 li jsir fis-sessjoni ta' Diċembru 1991/Jannar 1992 ta' l-Eżami tal-Matrikola:

Iżda b'dan, li l-kandidat:

(a) jipproduċi provi li kien irreġistra għall-Eżami tal-Matrikola fil-livell Intermedju fl-Oqsma ta' l-Għerf (*Systems of Knowledge*) li sar f'Novembru/Diċembru 1990 wara li għamel kors ta' studju ta' sentejn f'dak is-suġġett; u

(b) qagħad għal u weħel f'dak l-eżami, jew ma setax joqgħod għalih għal raġuni tajba u suffiċjenti li hi aċċettabbli għas-Senat."